TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 30/06

* Il- laqgħa Nru 30/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2011 fil-5.30pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa:

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia | Sindku KLJ CMLJ |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier |
| Is-Sinj. Cl. Lanzon | Kunsilliera |
| Is-Sinj. M. Pisani | A/Segr. Eżekuttiv |

*** Is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

**** Qabel ma bdiet tiġl diskussa l-Agenda s-Sindku ssospenda s-Seduta biex il-Kunsill iddiskuta ma' l-Accountant xi aġġustamenti li kellhom isiru fil-Financial Statements għas-Sena Finanzjarja 2010.

## 1.0.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1.0** Il-Minuti tas-Seduta 29 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

**1.2.0** Dawn ġew approvati nem. con. u inizjalati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 2.0.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

**2.1.0** Is-Sindku nforma li l-*bus shelter* fi Triq iż-Żejtun tlesta u issa baqa' pendenti dawk ta' Triq Palma. Bus Shelter fi Triq Zejtun

**2.2.0** Is-Sindku rraporta li x-xogħlijiet fuq ix-shelter waqfu minħabba li qed issir fih l-esebizzjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa u li dawn jerġgħu jitkomplu wara l-Għid. Xoghlijiet fuq ix-shelter

**2.3.0** Dwar l-applikazzjoni tal-*Meusac* għall-fondi mill-ERDF għall-proġett tax-shelter il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa għall-Kunsilli nvoluti u l-Kunsill ta' Ħal Tarxien huwa l-aktar wieħed ippreparat u avvanzat. Is-Sindku nforma li in vista ta' dan saret proposta li l-Kunsill tagħna jkun l-leading partner anke minħabba l-fatt li għandna l-guardianship tax-shelter. Is-Sindku qal li dan il-proġett jinvolvi ħafna xogħol pero iħoss li għandna naċċettaw. Il-Kunsill qabel ma dan. Meusac

2.3.1 Is-Sindku ppropona li ssir talba għall-kustodju tax-shelter l-ieħor li hemm fil-pjazza. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**2.4.0** Dwar il-każ tal-*5-aside football ground* is-Sindku nforma li s-sitwazzjoni għada l-istess. 5aside football ground

**2.5.0** Is-Sindku nforma li ma kien hemm l-ebda risposta dwar il-proġett tar-resurfacing tat-toroq mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali (PPP). Resurfacing tat-toroq

**2.6.0** Is-Sindku rraporta li se jkollna nagħmlu full application lill-MEPA għall-proġett ta' tisbiħ ta' l-Isqaq Santa Marija Nru 1. Sqaq Santa Marija Nru 1

**2.7.0** Is-Sindku nforma li se ssir laqgħa mal-Perit dwar il-proġett tal-Housing Authority "Nsaħħu l-Komunita' Riġenerazzjoni fl-Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern". Housing Authority

**2.8.0** Dwar l-iskema l-oħra tal-Housing Authority is-Sindku nforma li ntgħażlu l-10 blokki tal-flats tal-Gvern li din is-sena se ssirilhom il-manutenzjoni. Huwa qal li issa se ssir laqgħa bejn ir-residenti, l-Awtorita' u l-Kunsill. 10 blokki tal-flats tal-Gvern

**2.9.0** Is-Sindku rrefera għas-Citizen's Meeting li qed jiġi organizzat mill-Kunsill ta' Godeni Romaniau qal li qed nippruvaw insibu flights bi prezz tajjeb. Huwa qal ukoll li dwar din il-materja isir komunikat aktar 'l quddiem. Citizen's Meeting

**2.10.0** Dwar il-proġett Sustainable Tourism in a Village of Culture & Heritage (ERDF 213) is-Sindku nforma li saret laqgħa oħra mal-PPCD dwar il-period contract tal-paving kif ukoll dwar il-kuntratt tal-Project Coordinator. Huwa ppropona wkoll li l-Ġnien jissemma "Veliko Turnovo" ad unur il-lokalita' Bulgara li l-Kunsill huwa iġġemellat magħha. Sustainable Tourism in a Village of Culture

2.10.1 Dwar l-offerti għat-tender tal-Project Cordinator is-Sindku qal li din il-materja tiġi diskussa fl-aġġornament ta' din il-laqgħa peress li qed nistennew *ruling* mill-PPCD dwar l-aġġudikar.

**2.11.0** Is-Sindku rrefera għall-kamra li qed tinbena fid-Dar tal-Kejka u qal li s-saqaf ingħata l-konkos. Kamra fid-Dar tal-Kejka

**2.12.0** Is-Sindku rrefera għal każ tal-ġardinar u qal li qed tinġabar l-informazzjoni u qed isir rapport biex jingħalaq il-każ. Gardinar

**2.13.0** Is-Sindku nforma li l-ispeed limit signs fi Triq Santa Marija ser jitwaħħlu fil-jiem li ġejjien. Speed limit signs

**2.14.0** Il-Kunsill ġie nfurmat bil-Patt tal-Gżejjer li ġie ffirmat fi Brussels minn membru ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għan-nom ta' diversi Kunsilli nvoluti f'dan il-proġett fosthom il-Kunsill ta' Ħal Tarxien. Patt tal-Gzejjer

2.14.1 Is-Sindku nforma li dan il-proġett jikkumplimenta l-'Patt tas-Sindki' u l-għan tiegħu huwa li jmur lil hinn mill-għanijiet stabbiliti mill-EU għal-2020.

2.14.2 Is-Sindku qal li dan il-proġett ġie delegat lill-Viċi Sindku.

**2.15.0** Is-Sindku nforma bis-sensiela televiżiva tas-Sajf 'Konfini mill-Pjazza' u ppropona li l-Kunsill jipparteċipa. Huwa qal li l-programm se jagħti spazju wkoll bit-talent lokali li toffri kull lokalita'. Konfini mill-Pjazza

2.15.1 Il-Kunsill qabel li jipparteċipa. Is-Sindku talab li l-Kunsillieri kollha jipparteċipaw.

Dan ser jiswa lill-Kunsill €1000.

**2.16.0** Is-Sindku ppreżenta korrispondenza dwar '*The Roadshow Project*'. Huwa qal li dawn jipprovdu pakkett ta' entertainment li jkun idejali għall-Jum Ħal Tarxien peress li jipprovdu wkoll trakk li jiġi konvertit fi *stage* inkluż l-apparat kollu meħtieġ biex ittella' serata. Roadshow Project

2.16.1 Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament ma din il-proposta.

**2.17.0** Is-Sindku nforma li rċevejna korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kont pendenti tad-dawl tal-latrina. Huwa qal li s'issa l-Kunsill qatt ma rċieva kont għal dan is-servizz. Kont pendenti tal-latrina

2.17.1 Ġie deċiż li niktbu lura lid-Dipartiment biex ningħataw breakdown tal-ammont imsemmi.

2.17.2 Is-Sindku nforma wkoll li huwa ħa ritratti tal-imsemmi arloġġ tad-dawl, li huwa ferm antik, u anke tar-reading. Huwa qal li kieku dan kien jippartjeni lill-Kunsill dan kien jiġi mibdul kif ġew mibdula l-arloġġl l-oħra li jippartenu lill-Kunsill.

**2.18.0** Il-Kunsill ġie nfurmat b'xi problemi li hemm fl-amministrazzjoni. Is-Sindku qal li dawn qed ikunu ta' tfixkil fl-effiċjenza tal-Kunsill. Ġie diskuss x'miżuri jistgħu jittieħdu f'dan ir-rigward. Is-Segr. Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tipprova titkellem ma' l-iskrivani dwar dan u tieħu il-miżuri neċessarju biex ix-xogħol ikun effettiv u effiċjenti. Problemi fl-amminis-trazzjoni

## 3.0.0 Affarijiet Finanzjarji

**3.1.0** Is-Sindku ppropona li jiġu approvati l-aġġustamenti tal-*Financial Statements.* Il-Kunsillier L. Bonavia ssekonda. Dawn ġew approvati nem. con. mill-Kunsill. Aggustamenti tal-Financial Statements

3.1.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw mill-ġdid dan ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2010.

**3.2.0** Is-Sindku ppreżenta kont tal-Perit Chris Mintoff. Huwa qal li ser jitlob kjarifika dwaru qabel ma jiġi mħallas. Kont Perit Chris Mintoff

**3.3.0** L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata unanimament mill-Kunsill. Skeda ta' pagamenti

3.3.1 Is-Sindku ppreżenta kwotazzjoni tal-kumpanija Mazars għas-servizz tal-accounts. Din ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

3.3.2 Il-Kunsill approva wkoll ix-xiri ta' Sage *update* kif ukoll ix-xiri ta' computer ieħor u *monitors*.

**3.4.0** Il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm diskrepanza fl-Onorarja tas-Sindku għas-sena 2010. Is-Sindku ta spjegazzjoni dwar dan u l-Kunsill qabel unanimament li jsir reimbursement. Onorarja tas-Sindku

## 4.0.0 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri

**4.1.0 Rapport mill-Viċi Sindku F. Agius**

4.1.1 Il-Viċi Sindku rraporta li ser jikkomunika mat-TCTC dwar il-*gift voucher* biex jinħareġ biljett bil-BIZ.

4.1.2 Dwar il-korsijiet tal-ECDL huwa talab li jiġi vverifikat li ser jattendu l-għoxrin persuna mniżżla fil-lista.

4.1.3 Il-Viċi Sindku rraporta li qed isiru tħejjijiet biex tittella wirja tal-artiġjanat għal Jum Hal Tarxien.

4.1.4 Dwar l-attivita' "Epoka" huwa rraporta li se ssir laqgħa mal-għaqdiet tal-lokalita'.

4.1.5 Il-Viċi Sindku nforma li fil-ġimgħat li għaddew attenda seminar dwar is-sigurta' tal-Playing Fields. Huwa nforma wkoll li attenda l-konferenza 'Festa Ġemellaġġ' li fiha pparteċipaw wkoll delegazzjoni mill-Kunsill Veliko Turnovo li l-Kunsill tagħna huwa ġġemellat miegħu.

**4.2.0 Rapport mill-Kunsilliera Cl. Lanzon**

4.2.1 Il-Kunsilliera Cl. Lanzon irrapurtat li l-laqgħa bit-tema "Żwieġ b'Saħħtu" saret.

**4.3.0 Rapport mill-Kunsillier K. Darmanin**

4.3.1 Il-Kunsillier K. Darmanin irraporta dwar il-laqgħa tan-Neighbourhood Watch Area 17.

4.3.2 Huwa rraporta wkoll dwar il-laqgħa li saret għaż-żgħażagħ bit-tema "Technological Addiction".

4.3.3 Dwar l-attivita' ġewwa Ħal Tarxien fl-okkażjoni tal-Police Day il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kummissarju tal-Pulizija għadu ma weġibx l-email dwar din il-materja.

4.3.4 Il-Kunsillier K. Darmanin informa wkoll li kellu laqgħa ma Ms. Marvic Farrugia dwar l-isfilata tal-moda għal Jum Ħal Tarxien.

**4.4.0 Rapport mill-Kunsilliera D. Vella**

4.4.1 Is-Sinjura D. Vella tat rendikont dwar il-ħarġa li saret fil-Peristyle fl-okkażjoni tal-Mother's Day.

**4.5.0 Rapport mis-Sindku P. Farrugia**

4.5.1 Is-Sindku ta rendikont tal-ħarġa għall-anzjani.

## *5.0.0 Għeluq tal-Laqgħa*

**5.1.0** Sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 4 ta' Mejju fil-5.30pm biex il-Kunsill jiddiskuti t-tender tal-Project Co-Ordinator. Aggornament

5.1.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm.

**Marisa Pisani**
**A/ Seg. Eżek.**
4/5/11

**Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**